**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Jannar, 2018**

**Talba Numru: 490/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 20**

**GO plc (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**Vs**

**Valeria Jobst (K.I. 839957M)**

**Bellagio Court, Flat 12,**

**Dawret il-Gzejjer,**

**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba prezentat mis-socjeta' attrici tas-26 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu talab li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hmistax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu (€815.81) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC50922955.

Ra r-risposta tal-konvenuta a fol 28 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet l-preskrizzjoni a terminu tal-Artikolu 2148 tal-Kap 12 u ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet Malta in kwantu tirrelata ammonti allegatament dovuti minn qabel il-11 ta' Novembru, 2011; li fil-mertu u bla pregudizzju t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; li fil-mertu, ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuta stante li din kienet halset kwalunkwe ammont dovut (fis-17 ta' Awwissu, 2011) qabel ma talbet lis-socjeta' attrici ttemm is-servizzi moghtija lilha; li minn dakinhar il-konvenuta ma baqghetx taghmel uzu mis-servizzi telefonici tas-socjeta' attrici stante li hija emigrat lejn l-Istati Uniti fejn ghadha tghix sal-gurnata prezenti; li qabel ma giet mgharfa (minn ohtha ) b'din l-kawza l-konvenuta makienet ghadha qatt giet interpellata bi kwalunkwe mod mis-socjeta' attrici; sal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi a fol 34 s-socjeta' attrici pprezentat kopja tal-ittra ufficjali numru 1334/14 prezentata mis-socjeta' attrici u kopja tal-fatturi kollha relattivi ghat-talbiet attrici u li jikkorrispondu mal-ammont allegatament dovut lilha mill-konvenuta.

It-Tribunal jinnota li l-konvenuta ma gietx notifikata b'din l-ittra ufficjali stante li mir-riferta jirrizulta li baqghet unclaimed (fol 35 overleaf).

Illi a fol 58 fl-affidavit taghha l-konvenuta tispjega li hija waslet Malta fil-bidu tas-sena 2009 u damet klijenta tas-socjeta' attrici mindu waslet Malta sakemm telqet lura l-Amerika f'Awwissu 2011. Hija kienet avzat lil Christian Fenech il-customer representative taghha mal-GO biex jikkancella s-servizzi kollha inkluz dawk ta' bintha u l-partner taghha minhabba li hija ma kienetx ser tirritorna lura Malta. Hija ghamlet dan permezz tat-telefon u Fenech assigura li kien ser jaghmel kif qaltlu. Hija staqsietu hemmx kontijiet pendent u qalilha li ma hemmx u li t-tlett accounts kienu gew maghluqa.

Izda f'Novembru, 2016 ohtha infurmata li rceviet il-karti ta' din l-kawza u hija kienet sorpriza hafna u 'shocked' il-kelma li tuza meta s-socjeta' attrici harkitha ghas-somma ta' circa tmien mitt ewro (€800) u dan meta aktar minn hames snin qabel hija kienet itterminat is-servizzi taghha mas-socjeta' attrici.

Hija tichad li ghandha taghti danl-ammont u ma tistax tifhem kif is-socjeta' attrici qed taghmel din il-kawza. Hija tichad li ghamlet uzu mil-mobile phone minn meta hija telqet

minn Malta u qabel din l-kawza hija qatt ma kienet irceviet xejn minghand is-socjeta' attrici.

A fol 60 s-socjeta' attrici esebitet kopja tal-unika termination forms li qatt iffirmat il-konvenuta tal-04 ta' Ottubru, 2011 li jirrelata ghas-servizz mertu ta' dawn il-proceduri cioe' l-linja tal-mobile 99834451 fejn il-konvenuta skont is-socjeta' attrici ghazlet li tittermina biss parti minn dan is-servizz u mhux is-servizz kollu ( fol 63).

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2018 xehed bil-gurament Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u kkonfermat li l-ammont ta' tmien mija u hmistax-il ewro u wiehed u disghin centezmu (€815.91c) ghadu dovut mill-konvenuta u l-kawza thalliet ghal decizjoni dwar il-preskrizzjoni.

In kontro-ezami a fol 82 et Psaila Raji spjegat li l-konvenuta meta ffirmat il-kuntratt ma ghamlitx itemisation jigifieri riedet tkun taf SMS, telefonata telefonata fejn intbaghtet, lil min baghtet u ghalhekk ma jkunx hemm rendikont la ma talbitx itemisation. Hija kkonfermat li mill-kontijiet jirrizulta li kienet qeghda tuzah u kemm kienet qed tircievi. L-ahhar pagamenti saru fis-17 ta' Awwissu, 2011.

Izda b'digriet tad-19 ta' April, 2018 t-Tribunal fuq talba tal-konvenuta ordnat s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizza lil konvenuta tkompli tressaq ix-xhieda taghha.

A fol 68 Christian Fenech xehed li huwa jahdem mas-socjeta' attrici bhala Business Relationship Senior Executive mal-GO business team. Huwa kkonferma li t-tlett termination forms fol 61 sa 63 saru minnu u spjega li huwa ma tterminax is-servizz tal-mobile ghaliex meta spjegalha li jekk jitterminalha s-servizz tal-mobilu numru taghha dakinhar hija kien ikollha thallas l-valur tal-mobile phone in full u hija qaltlu "itterminali l-Blackberry servizz biss u halli attivat in-numru" sabiex ma thallasx il-penalita'. Dan ifisser li s-SIM card taghha kien ser jibqa jkollha access ghal voice jigfieri ccempel u ghal 'messages while roaming' meta qeghda msiefra. Mill-memorja huwa qal li jidhirlu li qaltlu li kellha bzonn li n-numru jibqa' attivat ghaliex ghal certu zmien kienet ser tibqa anke tircievi xi komunikazzjoni forma ta' messaggi rigward ix-xoghol taghha.

Fenech spjega wkoll li l-kontijiet juru s-SIM card tal-GO bin-numru taghha intuzat l-Amerika u li bl-ebda mod is-sistema tal-GO ma ha turi usage roaming jekk is-SIM card fizikament ma marritx hemmhekk. Zgur li le tenna x-xhud.

A fol 91 et xehed Paul Gatt Credit Control Officer mas-socjeta' attrici li spjega li la l-konvenuta ma kienet applikat ghal itemization bills u meta mistoqsi minn fejn jirrizulta dan u indika fol 7 fejn hemm ittikjata bil-very good. Izda meta l-avukat tal-konvenuta rrimarkalu li din tfisser li hija talbet itemization bill Gatt wiegeb li jista jkun li tkun applikat ghal itemization imma eventually tista tnehhija wkoll. Meta mitlub jipprovdi itemized bill huwa wiegeb li ma jistax jaghmel dan ghax ma ghandux access.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet u ra l-provi kollha prodotti.

Ikkunsidra,

Preliminarjament dan it-Tribunal jirrileva li huwa tal-misthija kif ir-Registrat accetta r-risposta tal-konvenuta minghajr indirizz fiss f'Malta. U la s-socjeta' ma resqet ebda eccezzjoni dwar dan il-fatt u l-fatt li r-risposta giet prezentata mill-konvenuta meta hija ma tirrisjedix f'Malta u meta hija ma kienetx prezenti f'Malta jew minn mandatarju taghha, u meta dan huwa tassativament rikjest fil-ligi tal-procedura tagha cioe' l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti kif issollevat il-Qorti tal-Appell per Prim Imh Silvio Camilleri fil-kawza **Carmelo Castilli noe vs Focal Maritime Services Limited deciza fuq dan il-punt fit-03 ta' Frar, 2012**: *"Il-ligi trid ukoll li min jiftah jew jiddefendi kawza jrid ikun prezenti f'Malta tal-anqas waqt is-smigh tal-kaz u f'kaz ta' persuna assenti jkollhom jinhatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodici ta'* Organizzazzjoni u Procedura Civili". L-istess Qorti kkowtat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell **Sede Inferjuri Commonwealth Educational Society Ltd vs Camilleri deciza fit-02 ta' Gunju, 2003** li kienet ukoll osservat li kawza istitwita minn socjeta' estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rapprezentanza lokali. Illi dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jissolleva din l-eccezzjoni ex officio u ghalhekk jieqaf hemm fir-rigward.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, hija qed tibbaza din l-eccezzjoni fuq l-Artikolu 2148 tal-Kap 12 u tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Jigi rilevat li l-Artikolu 2148 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistix u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni a bazi ta' dan l-Artikolu. Veru li fit-trattazzjoni l-avukat tal-konvenuta indika li l-Kap kellu jkun Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma talab ebda korrezzjoni fir-risposta u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tal-istess u l-eccezzjoni ai termini ta' dan l-Artikolu qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta dan it-Tribunal jissolleva dan li gej:

Li din hija preskrizzjoni ta' hames snin.

Li l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jistabbilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar, li l-azzjoni relattiva tkun tista tigi ezercitata (ara Laurent Diritto Civile Vol. 22 para.16). Ghalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-azzjoni attrici. **Vide Schembri Helen et vs Zahra Anthony George noe** deciz 29/04/05 Prim Awla per GV attached).

Ghal finijiet tal-Artikolu 2137, iz-zmien fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab u li certament in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi mhuwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel (JRM 1/4/03 Grech John vs Mifsud Ivan)

L-ahhar pagament mill-konvenuta sar fis-07 ta' Awwissu, 2011 u l-konvenuta tikkontendi li t-termini tal-preskrizzjoni beda jiddekorri minn dakinhar filwaqt li s-socjeta' attrici tikkontendi li t-terminu beda jiddekorri mit-02 ta' Ottubru, 2011 meta l-konvenuta ffirmat it-termination forms.

L-Avviz tat-Talba gie prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 u n-notifika saret fil-11 ta' Novembru, 2016 fl-indirizz ta' oht il-konvenuta meta l-konvenuta ma kienetx prezenti f'Malta. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2018 deher l-avukat tal-konvenuta li nforma lit-Tribunal li tezisti l-possibilita' ta' tranzazzjoni. Illi ghalhekk galadarba l-konvenuta accettat l-atti li rceviet ohtha u dan tghidu hija stess fl-affidavit taghha. Kif intqal fis-sentenza tal-Appell per Prim Imh De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet: **Perit Joseph Sultana vs Gaerty Ronald** tal-01 ta' April, 2005 meta ssir l-azzjoni nnifisha l-prezentata tal-att gudizzjarju nnifsu jinterrompi l-preskrizzjoni minghajr il-htiega ta' notifika. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiehu d-data tas-26 ta' Ottubru, 2016 id-data ta' meta l-konvenuta giet debitament notifikata.

Illi l-kontijiet jirrigwardw il-perjodu mill-01 ta' Awwissu, 2010 sas-17 ta' Awwissu, 2011 (fol 4 et).

L-ittra ufficjali ma jirrizultax li giet notifikata lil konvenuta u ghalhekk il-preskrizzjoni ma gietx interotta u dan kif stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik hawn fuq citata **Perit**

**Joseph Sultana vs Gaerty Ronald** fejn il-Qorti rriteniet li ittra ufficjali tehtieg li tigi notifikata sabiex issehh interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant tenut kont li l-ammont dovut jirrigwarda perjodu mill-01 ta' Awwissu, 2010 sas-17 ta' Awwissu, 2011 u l-Avviz tat-Talba gie prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 cioe' aktar minn xahrejn wara l-iskadenza minn din id-data tas-17 ta' Awwissu, 2011, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta ai terminu tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Kopja ta' din id-decizjoni ghandha tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**